Ott 2022

ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# XOGĦOL KONTINWU, TA' KULL TIP, GĦAL ĠID TAL-LOKALITÀ

## Continuous work, of all sorts, for a better locality



# BELVEDERE FI TRIQ TAD-DURU

Investiment f'dan il-Belvedere sabiex jingħata dehra aħjar, li tinkludi tiswija ġenerali, tikħil, madum ġdid, żebgħa u kif ukoll installazzjoni ta' għamara ġdida u li tixraq lil dan il-post. Xogħol u investiment iffinanzjat mill-Kunsill Lokali tan-Nadur.

*Brand new look for this Belvedere at Duru Street including new street furniture.*









# WIĊĊ ĠDID LIL PARTI OĦRA MINN TRIQ IR-RAMLA (IL-QADIMA)



Wara li saret l-ewwel parti ta’ din it-triq, matul l-aħħar xhur tkompla x-xogħol fuq il-parti ta’ isfel ta’ Triq ir-Ramla. Issa anke din it-triq li kienet tinsab fi stat diżastruż ingħatat wiċċ ġdid li tant jixraq. Dan grazzi għall-fondi li l-Kunsill Lokali akkwista mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

*New surface to the bottom part of Old Ramla Road thanks to funding from MGOZ. Works will continue on the second layer of tarmac.*











# TAGĦMIR U LOGĦOB ĠDID FIL-PLAYING FIELD TAL-ĦALI





Wieħed mill-aqwa playing fields f'pajjiżna issa b'tagħmir ġdid, investiment ta' xejn inqas minn €15,000. Grazzi għall-finanzjament minn skema tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, dan il-post tant imfittex issa jinsab fl-aqwa stat possibbli, b'logħob modern u inklussiv.

*New equipment installed at Ħali Playing Field, funded by the Ministry for National Heritage, Arts and Local Government.*







# SOFT AREA FI TRIQ BINĠEMMA

Wara li tneħħiet bus shelter li ma tintużax, rajna li nsebbħu dan il-post b'madum ġdid, bankijiet ġodda u tiswija ġenerali.

*Embellishment at Binġemma Street soft area following removal of bus shelter.*





# BINI TA' PARTI MINN TRIQ BAJJA SAN BLAS

Il-Ministeru għal Għawdex ħa ħsieb li tinbena parti mit-triq li twassal għal Bajja ta' San Blas wara li ċediet bil-maltemp.

*Re-construction of part of street going to St. Blas Bay, by Ministry for Gozo.*





# ĊINT ĠDID FI TRIQ TAT-TARĠA

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb jibni mill-ġdid dan iċ-ċint li kien jinsab fi stat ħażin. Issa mhux biss aktar b'saħħtu iżda anke b'dehra li tixraq lit-Triq.

*Re-construction of wall at Tarġa Street.*





# AKTAR PROĠETTI U INVESTIMENTI FIX-XHUR LI ĠEJJIN



B'fondi miksuba mill-UE (M4.3) għal toroq rurali, ser isiru mill-ġdid Wied ir-Riħan u Triq Irdum ta' Vnuta, li preżentament jinsabu fi stat ħażin ħafna.

*EU Funds awarded (M4.3) for two new rural roads.*



Ser issir ukoll mill-ġdid il-latrina fi Triq it-Tramuntana wara fondi minn Reġjun Għawdex. Investiment bżonnjuż u xieraq fiċ-ċentru tar-raħal.

*Total refurbishment of Public Convenience at North Street, with funds from Gozo Regional Council.*



Akkwistajna fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar (DPF) sabiex fl-2023 nibnu belvedere ġdid fi Triq ir-Ramla l-Qadima u jitneħħa l-istat ħażin ta' dak preżenti.

*New belvedere in 2023 at Old Ramla Road with DPF (PA) funds.*



Proġett ieħor ta' tisbiħ ser isir fi Triq San Ġwann fejn ser titranġa l-muxa u jingħata spazju ieħor rikreattiv lill-familji tagħna, b'fondi minn Reġjun Għawdex.

*Embellishment project at St. John Street through Gozo Regional Council funds.*

# TISBIĦ U TISWIJA MADWAR IN-NADUR KOLLU

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jara li jagħmel kull tip ta' manutenzjoni, tiswija, u tisbiħ, madwar ir-raħal kollu, u dan sabiex jitneħħa periklu, intejbu l-kwalità, u anke nservu lir-residenti tagħna.

*All sorts of embellishment and repair works around Nadur, all year long.*









# XOGĦOL TA' MANUTENZJONI, TA' KULL TIP, MATUL IS-SENA KOLLHA

*All kinds of maintenance work all year round thanks to our workers and those of CWS.*












# ATTIVITAJIET LEJN TMIEM IS-SENA 2021

Halloween



**Għalaqna l-2021 b'diversi attivitajiet, minkejja diversi restrizzjonijiet tal-Covid-19, fosthom dawk ta' żmienhom u oħrajn li daħlu fil-kalendarju tagħna.**

*Ending 2021 with several events despite covid-19 restrictions.*

Nadur Garmin 8K







Christmas







Borża ta' San Martin








**CLEAN UPS – Grazzi lil Nadur Nadif li regolarment jorganizzaw clean-ups madwar il-lokalita tagħna. Ejja nagħmlu sforz u kulħadd jagħmel il-parti tiegħu.**

*Special thanks to Nadur Nadif for organising regular clean-ups.*




**DAY CENTRE GĦALL-ANZJANI – Grazzi lil Lina Mifsud u assistenti li jgħinuna nżommu din l-inizzjattiva ħajja u ta' kull ġimgħa.**

*Thanks to coordinator and assistants who help us keep the Day Centre going on a weekly basis.*




**ĦARĠIET TAL-ANZJANI – Kunsill Lokali jara li jorganizza diversi ħarġiet kulturali u informattivi għall-anzjani tagħna, anke f'Malta.**

*Nadur LC organises several cultural outings for our senior citizens.*







## CARNIVAL – FEBRUARY 2022







## CARNIVAL – MAY 2022





## VALENTINES DAY – FEBRUARY 2022




## MOTHERS' DAY – MAY 2022

# ĠEMELLAĠĠI, SKAMBJI U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

*Twinnings, Exchanges and International Relations*





STUDENTI MINN ISTANBUL FIN-NADUR



NADUR U ĦAD-DINGLI



YOUTH EXCHANGE LITHUANIA



CHARTER RURAL COMMUNITIES



YOUTH EXCHANGE ESTONIA



NADUR U CICCIANO

# MNARJA 2022



















NADUR BEAUTY CONTEST – JULY 2022



YEAR 5/6
ART EXHIBITION
JUNE 2022

WORLD WAR 2
REMEMBRANCE
JULY 2022



CRIB MAKING
COURSE
SUMMER
2022



NADUR
SONG FESTIVAL
JULY 2022



# QRIB IL-KOMUNITÀ U NAPPREZZAW IT-TALENTI



Is-Sur Joe Portelli ppreżentat b'Ġieħ in-Nadur 2021 – *Joe Portelli winning Locality Honour 2021*



Żgħażugħ Attiv 2021
*Luke Said – Active Youth 2021*



Voluntier tal-Kunsillier 2021 – Rupert Grech – *Council Volunteer 2021*



Anzjana Attiva 2021 – Frangiska Mizzi – *Active Senior Citizen 2021*





Rebħ ta' diversi Beauty Contests jirrappreżentaw lin-Nadur – Rachel Portelli u Chanel Xerri – *Winning several beauty contests representing Nadur*



Ktieb tal-Istorja ta' Nadur Youngsters minn Charlie Grech – *New book about Nadur Youngsters History*



Kotba ġodda għall-Librerija ta' John Bonello minn Ħad-Dingli – *New books for our Library by John Bonello from Dingli*

# JUM IL-KUNSILL 2022

**Il-Ħadd 6 ta' Novembru**

3.00pm Sports Day għat-tfal tal-iskejjel Primarji u Sekondarji, fil-grawnd tal-Museum Subien. Tingħata snack u drink lil kulħadd, midalja u trofej lir-rebbieħa. *Sports Day for kids.*

**Is-Sibt 12 ta' Novembru**

9.00am Ħarġa speċjali għat-tfal tal-Primarja bit-train, nżuru l-farm tal-annimali u anke naraw film fiċ-ċinema, fuq bażi ta' first come first served. *Primary Kids Outing.*

7.30pm Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja, fit-Teatru MBC, lejlet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu. Wara jkun hemm festin għal dawk preżenti. *Musical Concert at MBC Theatre.*

**L-Erbgħa 16 ta' Novembru**

7.00am Ħarġa għall-Anzjani f'Malta. Dettalji mill-uffiċju tal-Kunsill Lokali. *Senior Citizens Outing in Malta.*

**Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru**

6.30pm Ftuħ u inawgurazzjoni uffiċjali tat-tisbiħ tal-latrina pubblika fi Triq it-Tramuntana, mis-Sindku, Kunsilliera u Reġjun t'Għawdex. *Official opening of embellished Public Convenience.*

7.00pm Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur, b'sufraġju għall-ex Kunsilliera li ħallewna. *Official Mass at Franciscan Sisters Chapel.*

**Is-Sibt 19 ta' Novembru**

7.00pm Serata uffiċjali ta' Jum il-Kunsill fejn jingħata Ġieħ in-Nadur, premijiet annwali, u anke residenzi onorarji. Official *Locality Honour Ceremony.*

**Is-Sibt 26 ta' Novembru**

3.00pm Mixja u Clean Up f'Wied Riħan immexxiha minn Nadur Nadif li tinkludi wkoll bibita għal dawk preżenti. *Walk and Clean Up at Rihan Valley.*

**Il-Ħadd 27 ta' Novembru**

8.00am-12.00pm Open Day sabiex wieħed jista' jżur it-Torri ta' Kenuna, Torri ta' Sopu, u anke l-Mużew Marittimu. *Open Day of Attraction Sites.*

## ĠIEĦ IN-NADUR 2022

### IS-SUR JOE SAID

*Avguri u Nifirħulu*

*Locality Honour 2022 goes to Mr. Joe Said. Congratulations!*

